# Q O R T I  Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 21 ta' Gunju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru.  5 / 18RGM

Kawża fil-lista:  26

**AA B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Ghaxaq nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tliet itfal, D li twieldet fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (13/6/2009), E li twieldet fil-hamsa ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (5/9/2010) u F li twieldet fit-tnejn ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2/8/2012) li ghadhom it-tlieta minorenni;

3. Illi l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibli u dan peress li l-intimat ghandu problD serja u gravi ta' droga u jiehu l-eroina u jiehu l-kokaina wkoll.

4. Illi dan jirrizulta minn hafna sentenzi li diga' hemm kontra l-intimat, fosthom:

- Sentenza tal-Magistrat ta' Malta nhar it-18 ta' Lulju 2011 deciza mill-Magistrat Edwina Grima fejn kien instab diga' bid-droga eroina;

- Kien hemm sentenza ohra fit-12 ta' Settembru ukoll deciza mill-Magistrat Edwina Grima li fuqha kien instab hati ta' pussess ta' droga eroina;

- Sentenza tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Marseanne Farrugia, Il-Pulizija vs C B, seduta fil-25 ta' Marzu 2013 – nstab hati li kellu droga eroina – u gie rimarkat li diga' kellu t-tlett kundanni li minnhom kien hemm tnejn minnhom ghal pussess ta' eroina.

- Sentenza tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' April 2013, Il-Pulizija vs C B, fejn rega' nstab hati li kellu pussess ta' eroina.

5. Illi din l-Onorabbli Qorti kienet permezz ta' digriet tat-23 ta' Marzu 2016, pprovdiet li tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti u ordnat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €600 fix-xahar bhala mateniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni taghhom u b'konsegwenza ta' dan id-digriet;

   i. Affidat il-kura u l-kustodja tal-ulied f'idejn l-esponenti;

   ii. Ordnat lill-esponenti sabiex tghix fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied minorenni D, E, u F li ghandhom 6, 5 u 3 rispettivament ad eskluzzjoni tal-intimat u ordnat lill-intimat sabiex jizgombra minn gewwa d-dar matrimonjali fi zmien 24 siegha bl-assistenza tal-marixxalli;

   iii. Ordnat lill-intimat sabiex ihallas manteniment adegwat ghal uliedu tenut kont li huwa qatt ma ssomministra xejn ghal uliedu, anzi kien jisraq u jiehu mill-flus li l-esponenti kienet tiehu hsieb li twarrab sabiex titma lil uliedha bihom.

   iv. Ordnat lill-intimat sabiex bl-ebda mod jersaq qrib ir-residenza tal-genituri tal-esponenti ghall-ebda raguni u li jekk tali ordni tigi miksura din tikkostitwixxi disprezz lejn din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi lejliet l-ewwel tas-sena l-konvenut ta daqqa ta' sikkina lil wiehed minn shabu u issa jinsab Kordin;

7. Illi minhabba f’dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment b’tort uniku tal-istess konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta’ digriet moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza l-attrici sabiex tghix separatament minn mal-konvenut;

2. Taffida (lill-attrici) l-kura u l-kustodja tal-minuri D li twieldet fit-tlettax ta’ Gunju tas-sena elfejn u disgha (13/6/2009), E li twieldet fil-hamsa ta’ Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (5/9/2010) u F li twieldet fit-tnejn ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2/8/2012);

3. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment ghall-ulied D li twieldet fit-tlettax ta’ Gunju tas-sena elfejn u disgha (13/6/2009), E li twieldet fil-hamsa ta’ Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (5/9/2010) u F li twieldet fit-tnejn ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2/8/2012) li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/ jista’ jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

4. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

5. Tillikwida manteniment adegwat lill-attrici li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/ jista’ jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attrici.

7. Ixxolji u tillikwida l-proprjeta' komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attrici u porzjoni lill-konvenut *ope sententiam* billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liD z-zwieg tkisser irrimedjabilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

8. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/ jew parafernali sudetti.

9. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/ jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;

10. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

11. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti lura ghal kunjonha ta' xebba u cioe' Camilleri;

12. Tawtorizza lil minuri li twieldu fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (13/6/2009), E li twieldet fil-hamsa ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (5/9/2010) u F li twieldet fit-tnejn ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2/8/2012) sabiex ikollhom il-kunjom B Camilleri;

13. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Ghaxaq;

14. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-

separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

15. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut C B gie notifikat personalment fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bir-rikors guramentat tal-attrici fid-29 ta'Jannar 2018.[1] Hu pero' ma ipprezenta l-ebda risposta u baqa' kontumaci.

Rat l-affidavit ta' Anthony Camilleri, missier l-attrici, ta' Carmen Camilleri, omm l-attrici, ta' Marion Borg, oht l-attrici, u ta' Alison Grech, oht l-attrici, annessi ma nota pprezentata fis-7 ta' Marzu 2018;

Rat in-nota tal-attrici tat-2 ta' Marzu 2018 fejn 'inter alia' ddikjarat li ma ghandhom l-ebda propjeta' la mobbli u l-anqas immobbli;

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fit-2 ta' Marzu 2018;

Rat n-nota tal-attrici pprezentata fit-18 ta' April 2018 li maghha annettiet kopja tal-kuntratt tal-akkwist tad-dar matrimonjali li nxtrat mill-genituri taghha u d-dikjarazzjoni guramentata taghha ai termini tat-talba ghal-divorzju;

Rat li verbal registrat fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2018 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**A B, l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fit-2 ta' Marzu 2018,[2] iddikjarat li zzewget lill-konvenut C B fil-21 ta' Gunju 2013 wara li gia' kellhom tlett itfal; D li twieldet fit-13 ta' Gunju 2009, E li twieldet fil-5 ta' Settembru 2010 u F li twieldet fit-2 ta' Awwissu 2012. Huma kienu ilhom jikkoabitaw minn mindu kienu gharajjes, fil-bidu kienu jghixu fi propjeta' ta' missierha f'Wied il-Ghajn u wara marru iz-Zejtun fi propjeta' ohra ta' missierha. Wara li zzewgu kienu

[1] Fol 31 a tergo.
[2] Fol 44 et seq.

joqghodu fil-fond Bliss, Melchiore Gafa’ Street, Zejtun. Il-konvenut ilu bil-problD tad-droga sa min qabel li zzewgu, kien jaghmel xi granet fejn kien jikkalma, pero’ wara ftit jerga jibda. F’dak iz-zmien hu kellu impieg u tghid li ‘minn hemm u minn hawn b’xi mod konna nkampaw’.

L-attrici tghid li l-konvenut kien jpejjep lis-smack, hi kienet toqghod attentata li ma jabbuzax quddiem it-tfal izda mhux dejjem kellha kontroll fuqu. Tant sofriet mieghu meta kien jpejjep il-kokaijina u jkun vjolenti maghha quddiem it-tfal, li ghamlet il-kuragg biex tibda il-proceduri biex tissepara minnu. Kienet bdiet il-proceduri tal-medjazzjoni darbtejn, pero’ hu qatt ma jkkoopera. Hi pprocediet bil-Qorti biex tizgumbrah mid-dar matrimonjali propjeta’ ta’ missierha u minn dak iz-zmien il-konvenut qatt ma rega’ dahal fid-dar. It-tfal qatt ma jarhom ghax ma ghandu l-ebda interess li jarahom. Hi tghid li C irrenda l-hajja matrimonjali impossibbli billi ghandu problD serja ta’ droga, jiehu kemm l-erojina kif ukoll il-kokajina. Hi elenkat d-decizjonijiet fejn il-konvenut intab hati mill-Qorti tal-Magistrati b'pussess ta’ droga cioe’ dik tat-18 ta’ Lulju 2011,dik tat-12 ta’ Settembru 2011, dik tal-25 ta’ Marzu 2013 u dik tal-20 ta’ April 2013.

Hi ghamlet referenza ghad-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta’ Marzu 2016 moghti waqt il-proceduri ta' medjazzjoni fejn il-konvenut gie ordnat ihallasha €600 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha taghhom. B’dan id-digriet l-attrici giet fdata bil-kura u kustodja tat-tfal, giet awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali mat-tfal bl-eskluzjoni tal-konvenut, li gie ordnat jizgombra fiz-zmien 24 siegha, u li ma jersaqx hdejn r-residenza tal-genituri taghha taht piena ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti.

L-attrici tghid li kienu l-genituri taghha li ghenuha finanzjarjament u billi pprovdewlha saqaf fuq rasha. Ghandha spejjez konsiderevli tat-tfal ta’ ilbies, ikel, kotba, uniformijiet u donazzjonijiet billi t-tlieta jmorru skola tal-Knisja. Il-konvenut qatt ma hallas xejn. Il-konvenut ilu zmien ma jara lit-tfal, la jaghtihom rigali fil-Milied jew il-birthday u l-anqas iccempillhom biex jistaqsi ghalihom.

Lejliet l-Ewwel tas-Sena ta daqqa’ ta’ sikkina lil wiehed minn shabu u issa jinsab f’Kordin. Hi qatt ma pprocediet kontrih ghall-manteniment ghax ma riditx li uliedha ikollhom missierhom fil-habs, izda b’dak li ghamel xorta wahda qieghed fil-habs. L-attrici trid li tipprotegi lill-uliedha billi l-konvenut ghadu bil-problD tad-droga.

Hi ddikjarat li ma ghandhom xejn, la propjeta’ mobbli u l-anqas immobbli, d-dar matrimonjali hi propjeta’ ta’ missierha, li l-konvenut ma jimpurtahx mit-tfal u fi kwalunkwe kas qieghed il-habs u ghalkemm skont id-digriet tat-23 ta’ Marzu 2016 il-konvenut gie ordnat ihallasha manteniment ghat-tfal, fil-fatt qatt ma hallas xejn. Ma ghandhomx flus il-Bank u lanqas ghandhom karozzi.

L-attrici pprzentat nota guramentata fis-17 ta’ April 2018,[3] fejn iddikjarat li ilha ma tghix ma’ zewgha ghal aktar minn erba’ snin u li l-hajja intima tal-partijiet spiccat ftit wara li twieldet l-ahhar tifla, li twieldet fit-2 ta’ Awwissu 2012, cioe’ f’Lulju 2013 ftit wara li zzewwgu. Hi tghid li C dejjem baqa’ bil-vizzju td-droga u kellhom problemi kbar. Ma hemm l-ebda possibilta’ li jirrikonciljaw u fil-prezent C jinsab fil-habs wara li ta’ daqqa’ ta’ mazza lil wiehed minn Hal-Ghaxaq. C qatt ma hallasha manteniment ghat-tfal; hu ma ghandu xejn, ma jahdimx u jghix hajja xxellerata.

**Anthony Camilleri, missier l-attrici,** fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta’ Marzu 2018,[4] iddikjara li C B minn dejjem kellu l-problD tad-drogi, pero’ billi kellhom tlett itfal kellu ‘jbaxxi rasu’ u jaccettah ghall-gid ta’ bintu u t-tfal. Mill-bidu li kienu flimkien hu kien ipovdilhom saqaf fuq rashom l-ewwel f’Marsascala u wara fiz-Zejtun. Hu qal li ma kienx ser ihalli lill-bintu u t-tlett uliedha jghixu barra b’kapricc tieghu li kellu flus ghad-droga izda mhux ghall-uliedu. Hu jghid li kienu huma li ghinu lill-attrici biex tkun tista tibqa’ tibghat t-tfal l-iskola billi l-konvenut qatt ma hallasha manteniment. Fil-prezent C qieghed il-habs billi ta daqqa ta’ mazza lil xi hadd.

**Carmen Camilleri, omm l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta’ Marzu 2018,[5] iddikjarat li C minn dejjem kellu l-problD tad-droga, u ghal din r-raguni ma tantx seta’ jiehu hsieb lil A u t-tfal. Huma zzewgu wara li kellhom it-tfal u hi kienet tispera li wara z-zwieg l-affarjiet jmorru ghall-ahjar izda ma kienx il-kaz. Anke wara li zzewgu kellhom ikunu hi u zewgha li pprovdulhom saqaf fuq rashom billi ikkoncedewlhom l-uzu ta’ fond taghhom fiz-Zejtun.

Hi tghid li l-kontribut fianzjarju taghha u ta’ zewgha ghat-trobbija tat-tlett ulied kienet essenzjali billi t-tfal kienu jmorru skola tal-Knisja, kellhom spejjez kbar li l-attrici ma kinitx f’posizzjoni li thallas.

**Marion Borg, oht l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta’ Marzu 2018,[6] iddikjarat li A u C izzewgu fit-2013 meta digja’ kellhom tlett itfal, D, E u F. Sa minn meta kienu gharajjes kienu ghexu fi fond propjeta’ ta’ missierha u wara li zzewgu marru jghixu iz-Zejtun fi fond ukoll propjeta’ ta’ missierha. Hi tghid li kemm ilha taf lil C dejjem tafu bil-problD tad-droga, anke meta kienu ghadhom mhux mizzewgin. Biz-zmien il-vizzju tad-droga kiber u sar prattikament impossibbli li jibqghu jghixu taht l-istess saqaf. Kien ivvizzjat fuq l-ismack u beda ipejjep il-kokaina u beda jkun vjolenti ma' A quddiem it-tfal, u f’dak il-punt A qalet ‘daqshekk’. Kellha tirrikorri ghall-Qorti biex C jitlaq mid-dar taz-Zejtun

[3] Fol 74.
[4] Fol 37.
[5] Fol 38.
[6] Fol 39.

propjeta' ta' missierha. Minn meta tkecca mid-dar C qatt ma wera interess fit-tfal, la jcempillhom u lanqas jaghtihom xi rigal zghir fil-Milied. Kienu il-genituri taghha li ghinu fianzjarjament lil A u pprovdulha post fejn toqghod flimkien ma' wliedha.
Fil-prezent C jinsab fil-habs billi kellu xi jghid diversi drabi anke ma' shabu.

L-attrici b'nota tal-14 ta' Marzu 2018 ipprezentat l-Att ta' Akkuza kontra l-konvenut, li gie ppreżentat taht arrest u akkuzat bl-attentat ta' qtil ta' Karl Farrugia, li kkagjonalu ferita ta' natura gravi, li kiser il-mistrieh tan-nies bl-ghajjat, li kien xurban u qal kliem oxen fil-pubbliku, jew ghamel gesti oxxeni u li garr sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minnghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fil-21 ta' Gunju 2013 wara li kellhom tlett itfal. Il-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga, jsir vjolenti u l-komportament tieghu rrenda l-hajja konjugali impossibbli. B'digriet tat-23 ta' Marzu 2016 moghti waqt il-proceduri ta' medjazzjoni l-attrici giet fdata bil-kura u kustodja esklusiva tat-tlett uliedha minuri, giet awtorizzata tghix fid-dar matrimonjli ma' uliedha bl-eskluzjoni ta' zewgha, li gie ordnat ihallas €600 manteniment fix-xahar ghall-minuri u ordnat li ma jersqx lejn r-residenza tal-genituri tal-attrici. Il-partijiet ma ghandhom xejn propjeta' taghhom, id-dar matrimonjali hi propjeta' tal-genituri tal-attrici, u ma hemm xejn li ghandu jigi diviz bejniethom. Skont l-attrici l-konvenut ma ghandu xejn u jghix hajja xxellerata. L-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali pero' fit-talba numru tlettax talbet li l-Qorti tipronunzja wkoll il-hall taz-zwieg tal-partijiet peress li ilhom ma jghixu flimkien aktar minn erba' snin.

In tD legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijit "**Caterina Agius vs Benedict Agius"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 fejn gie dikjarat illi :

"Il-Ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 ntqal:
"biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux jkomplu jghixu flimkien".

Irrizulta abbondantement mill-provi li l-hajja konjugali giet reza impossibbli unikament mill- “persistenza ta’ mgieba hazina” da parti tal-konvenut. Hu kien u baqa’ ivvizjat bl-abbuz tad-droga, gie kkundannat diversi drabi mill-Qrati fuq pussess tad-droga, gie akkuzat ukoll b’omicidju volontarju, kien isir vjolenti, jisker u jkisser, addirittura gew ezebiti ritratti fejn haraq id-dar matrimonjali, u l-“episodji saljenti tal-hajja konjugali tal-partijiet” kienet l-vjolenza kontinwa, inkontrolabbli u irrefrenabbli tal-konvenut, li certament rrendiet il-hajja matrimonjali impossibbli. Tant li l-attrici kienet kostretta issib rifugju ghand il-genituri taghha biex tassikura l-inkolumita’ taghha u ta’ uliedha.

It-talbiet tal-attrici ghas-separazzjoni personali huma abbondantement ippruvati u ghandhom jigu milqugha.

L-attrici qed titlob ukoll il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

**Skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16,** (Kondizzjonijiet mehtiega ghall-Divorzju) ma jistax jighata divorzju jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li l-mizzewgin ikunu ilhom aktar minn erba’ snin ma jghixu flimkien, li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni, u li jkun qed jithallas manteniment adegwat, jew li jkun hemm rinunzja ghad-dritt ghall-manteniment.

Fil-kaz in ezami rrizulta min-nota guarmentata tal-attrici mahlufa fis-17 ta’ April 2018 li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien, ma hemm assolutament l-ebda possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni bejniethom billi l-konvenut hu bniedem iddrogat u vjolenti u qieghed il-habs'

Skont is-subinciz (3) tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 meta ebda parti ma taghzel li tipprocedi skont is-subinciz (1) fejn tkun digja saret talba ghas-separazzjoni, u issir talba ghal divorzju, t-talbiet ghas-separazzjoni u ghad-divorzju ghandhom jinstemghu u jigu decizi flimkien mill-istess Qorti.

Mill-premess jirrizulta li r-rekwiziti mposti mill-Ligi ghal-dikjarazzjoni tal-hall taz-zwieg huma soddisfatti u din t-talba tal-attrici ghandha ghalhekk tigi milqugha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa’ it-tieni talba tal-attrici u tafdalha esklusivament l-kura u kustodja tat-tliet ulied minuri, D, E u F;

3. Tastjeni f’dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba dwar il-manteniment ghat-tfal minuri, billi l-konvenut fil-prezent ma ghandux mezzi u jinsab fil-habs b'dan illi l-manteniment pendente lite ghandu jibqa' regolat bid-digriet pendente lite;

4. Tilqa’ r-raba talba tal-attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

5. Tastjena f’dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba tal-attrici dwar manteniment ghaliha billi fil-prezent il-konvenut ma ghandux mezzi;

6. Tilqa’ s-sitt talba tal-attrici u tapplika kontra il-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16;

7. Tilqa' s-seba' talba attrici, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet.

8. Tichad it-tmien, disa' u l-ghaxar talbiet attrici.

9. Tilqa l-hdax il-talba tal-attrici u tawtorizzaha tirriverti ghal-kunjom xbubitha ‘Camilleri’;

10. Tilqa’ t-tnax it-talba tal-attici u tawtorizza lit-tlett itfal minuri tal-kontendenti ikollhom il-kunjom ‘B Camilleri’;

11. Tilqa’ it-talba numru tlettax tal-attrici u tiddikjara il-hall taz-zwieg tal-partijiet celebrat fil-21 ta’ Gunju 2013;

12. Tilqa’ t-talba numru erbatax tal-attrici, u tordna lir-Registratur tal-Qorti li fiz-zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

13. Tilqa’ il-hmistax it-talba tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**